MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-10 ta' Ġunju, 2022

Appell Inferjuri Numru 257/2019 LM

**Raphael Vassallo (K.I. nru. 265471 (M))**
*('ir-rikorrent')*

***vs*.**

**Emanuel Delia (K.I. nru. 560176 (M))**
*('l-intimat')*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Raphael Vassallo (K.I. nru. 265471(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'] mis-sentenza mogħtija fl-1 ta' Novembru, 2021, [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza appellata'] mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) [minn issa 'l quddiem 'l-Ewwel Qorti'], li permezz tagħha

ddeċiediet ir-rikors tiegħu fil-konfront tal-intimat **Emanuel Delia (K.I. nru. 560176(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellat'] billi ċaħdet it-talbiet tiegħu, bl-ispejjeż.

**Fatti**

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwarda kitba tal-appellat intestata *"LONG READ: 416 bis"* li ġiet ippubblikata fit-28 ta' Ottubru, 2019 fuq is-sit elettroniku www.manueldelia.com, fejn saru diversi riferimenti għall-appellant u l-artikolu tiegħu tas-7 ta' Frar, 2019 li deher fil-gazzetta *Maltatoday.*

**Mertu**

3. L-appellant istitwixxa dawn il-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti permezz tal-preżentata ta' rikors fl-1 ta' Novembru, 2019, fejn ħarrek lill-appellat sabiex jgħid għaliex m'għandiex dik il-Qorti:

> *"(1) Tiddikjara illi l-konvenut, permezz ta' artikolu ossija post ippublikat fit-28 t'Ottubru, 2019 fuq il-blog tiegħu bl-indirizz elettroniku http://www.manueldelia.com u b'referenza speċifika għall-paragrafu li jgħid:* "This is where Raphael Vassallo comes in. Unwittingly, or perhaps because he is part of the mafia consiracy that killed Daphne Caruana Galizia, he perpetrates the myth that arresting and punishing the triggermen resolves the crime. That is how he (and others) cover up for the mafia, thereby being part of it" *(kopja tal-post annessa u mmarkata bħala Dok RV1), huwa mmalafama lill-attur kif previst fl-Artikolu 3 et seq tal-Kap 579 tal-Liġijiet ta' Malta;*
>
> *(2) Tikkundanna lil konvenut iħallas lill-attur dik is-somma li tiġi likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti ai termini tal-Artikolu 9 tal-Kap 579 tal-Liġijiet ta' Malta.*
>
> *Bl-ispejjeż kontra l-konvenut li huwa minn issa inġunt in subizzjoni."*

4. L-appellat eċċepixxa li *"...meħud u moqri fl-intier tiegħu u fil-kuntest normali ta' kitbiet ta' dan il-ġeneru, l-artiklu de quo ma għandux jitqies malafamanti, speċjalment tenut kont illi jikkostitwixxi kumment u kummentarju altru milli aċċettabbli f'soċjetà demokratika mnebbħa mis-saltna tad-dritt".*

**Is-Sentenza Appellata**

5. L-Ewwel Qorti waslet għas-sentenza appellata wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

> *"Ikkunsidrat;*
>
> *L-attur Raphael Vassallo istitwixxa din l-azzjoni ta' libell għaliex isostni illi huwa ġie malafamat bil-pubblikazzjoni mill-konvenut tas-segwenti bran mill-kitba tal-konvenut intestata "LONG READ: 416 bis" li ġiet ippubblikata fit-28 ta' Ottubru 2019 fuq is-sit elettroniku www.manueldelia.com:-*
>
> "Unwittingly, or perhaps because he is perhaps part of the mafia conspiracy that killed Daphne Caruana Galizia, he perpetrates the myth that arresting and punishing the triggermen resolves the crime. That is how he (and others) cover up for the mafia, therby being part of it."
>
> *L-attur, li huwa ġurnalist ta' ħamsa u għoxrin sena esperjenza li ilu wkoll għal diversi snin jippubblika artikoli fil-gazzetta Maltatoday, xehed illi huwa ħassu aggravat għaliex il-kitba in diżamina hija mibnija fuq "qerq" u "gideb" fil-konfront tiegħu. Fix-xhieda tiegħu fisser li l-konvenut jagħmel imputazzjoni serja ħafna li huwa kompliċi fl-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia. Skont l-attur, din l-imputazzjoni saret bl-iktar mod ċara u inekwivoka meta l-konvenut qal li l-Artikolu 416 bis tal-Kodiċi Kriminali Taljan, għandu japplika għalih. Il-Qorti fehmet li r-referenza hi għas-segwenti bran:-*
>
> "416 bis also makes specific reference to omertà, a form of tacit complicity that is used to help the masterminds of mafia crimes get away with their crimes. This is where Raphael Vassallo comes in".
>
> *Is-silta li tiġi minnufih wara din, fl-istess paragrafu, hija effettivament il-bran li ġie indikat fir-Rikors promotur speċifikatament bħala l-istqarrija libelluża li tifforma l-*

*mertu tal-azzjoni odjerna (fn. 1 "*Unwittingly, or perhaps because he is perhaps part of the mafia conspiracy that killed Daphne Caruana Galizia, he perpetrates the myth that arresting and punishing the triggermen resolves the crime. That is how he (and others) cover up for the mafia, thereby being part of it." *L-attur emfasizza li din is-silta hija malafamanti fil-konfront tiegħu għaliex il-konvenut jagħmel imputazzjoni speċifika li bħala stat ta' fatt, huwa jifforma parti mill-mafia u li huwa kompliċi f'reat kriminali, imputazzjoni li hija maħsuba biex timmina l-kredibbilità tiegħu fid-dinja ġurnalistika li jifforma parti minnha. L-attur jiċħad dak li ġie imputat lilu mill-konvenut, ċioé li huwa qal jew qatt għamel l-argument jew esprima l-fehma illi "*Arresting and punishing the triggermen resolves the crime", *lanqas fl-artikolu li huwa stess kien kiteb u ppubblika fil-gazzetta Maltatoday fit-8 ta' Frar 2019 (fn. 2 Esebit bħala Dok RV2, fol. 30 et seq.), liema artikolu l-konvenut jirreferi għalih fil-kitba tiegħu.*

*L-attur jilmenta wkoll illi l-konvenut dawwar kompletament dak li huwa kiteb fl-artikolu tas-7 ta' Frar 2019 għaliex huwa qatt ma qal il-kliem li ġie attribwit lilu mill-konvenut, u b'hekk ħoloq narrattiva falza bbażata fuq gideb. L-attur xehed li dan il-gideb ħalla wkoll effetti soċjali fuqu għaliex ħassu intimidat bil-fatt illi l-konvenut, li huwa attivista li jorganizza protesti u huwa influwenti fuq il-folol, qiegħed jakkużah b'kompliċità fl-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia. Kemm hu hekk, l-attur xehed illi meta kienu qed jiġu organizzati l-protesti huwa beża' jidħol il-Belt.*

*Ikkunsidrat;*

*Huwa evidenti li r-referenzi għall-attur fil-kitba impunjata saru abbażi tal-artikolu miktub mill-istess attur u li kien ġie ppubblikat fil-gazzetta Maltatoday fis-7 ta' Frar 2019, intestat "*'Freedom of expression' also means the freedom to talk out of your ass." *Artikolu li fih l-attur jikkritika lil min jilmenta li l-libertà tal-espressjoni f'pajjiżna ġiet imnaqqxa mill-Istat fl-aħħar snin għaliex effettivament, kulħadd jesprimi ruħu bla ebda rażan u limitu u dan dwar kull soġġett taħt il-kappa tax-xemx kif ukoll bl-iktar mod provokattiv u insensittiv u mingħajr ebda riperkussjoni li wieħed kien jistenna li jkun hemm kieku fir-realtà il-libertà tal-espressjoni f'pajjiża tkun effettivament imxekkla. Fl-istess artikolu, l-attur jimmanifesta l-fehma tiegħu dwar ir-raġuni għal din il-perċezzjoni żbaljata li hawn fil-pajjiż li l-libertà tal-espressjoni tinsab mhedda, billi għamel is-segwenti dikjarazzjoni, liema dikjarazzjoni ġiet riprodotta testwalment fl-artikolu tiegħu:-*

"Press any of these people to come up with examples of State censorship in Malta and they will cite the ongoing libel proceedings against Daphne Caruana Galizia (and now her heirs) by Joseph Muscat over the Egrant allegations. (Note: the more

unreasonable ones might even point towards her murder itself ... for all the works as if the bomb had been planned in her car directly by the State, instead of by three well-known criminals, with foreign contacts, who are now facing murder charges. And again, all these people enjoy the full freedom to make those claims in public... without as far as I can see, facing any repercussions."

*Il-konvenut huwa magħruf bħala attivist tas-soċjetà ċivili b'rabtiet mal-Għaqda Non-Governattiva Repubblika kif ukoll bħala awtur ta' pubblikazzjonijiet bit-temi ċentrali ta' korruzzjoni u l-konnessjonijiet mal-qtil tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia. Huwa awtur ukoll tal-blog bl-isem "*Truth Be Told*", ippubblikat fuq is-sit elettroniku [www.manueldelia.com](www.manueldelia.com).*

*Il-pożizzjoni tal-konvenut hi, evidentement, li huwa interpreta d-dikjarazzjoni suċitata tal-attur, bħala manifestazzjoni tal-attitudni li l-assassinju tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia huwa omiċidju ordinarju, kif ukoll bħala espressjoni ta' stmerrija għall-ipotesi – propagata fost oħrajn mill-konvenut innifsu u attivisti oħrajn - li dan l-assassinju jirrappreżenta theddida konkreta da parti tal-Istat kontra l-libertà tal-espressjoni. Il-konvenut, fil-pubblikazzjoni impunjata, jirreaġixxi għall-pożizzjoni ta' persuni bħall-attur li jqisu bħala irraġonveoli t-teorija li l-qtil ta' Daphne Caruana Galizia hu indikatur tal-istat tal-libertà tal-espressjoni f'pajjiżna.*

*F'din il-kitba, il-konvenut jiddiskuti l-ħsibijiet tiegħu dwar il-konnotazzjonijiet tal-qtil ta' Daphne Caruana Galizia u kif, fil-fehma tiegħu, dan kien qtil ta' xeħta mafjuża. Huwa ħa spunt mid-dikjarazzjoni magħmula mill-attur, fuq ċitata, biex ifisser illi min bħall-attur, jippropaga l-fehma li l-qtil ta' Daphne Caruana Galizia m'hu xejn iktar mill-azzjoni tat-tliet persuni li poġġew u splodew il-bomba li qatlitha u li dan l-assassinju ma jħaddanx fih elementi ta' organizzazzjoni kriminuża, qiegħed jiċħad mhux biss l-element fondamentalment mafjuż f'dan l-assassinju, iżda qiegħed jinnega wkoll l-infiltrazzjoni tal-mafia fl-Istat Malti u fost il-klassi politika, biex b'hekk jgħin jostor l-eżistenza tal-mafia li tgħix fl-oskurità u titkattar proprju minħabba din l-oskurità.*

*Il-konvenut isostni illi bħala ġurnalist, l-attur huwa fid-dmir jindaga u jikxef il-verità, inkluż li jirrikonoxxi li dan il-qtil huwa mhux biss attakk fuq il-libertà tal-espressjoni f'Malta, iżda wkoll reat mafjuż li kieku kellna liġi analoga fl-ordinament ġuridiku tagħna, kien jaqa' biex jiġi regolat mill-artikolu 416 bis. Jikkontendi ulterjorment illi l-attur bil-kitbiet tiegħu, fosthom dik tas-7 ta' Frar 2019, qiegħed joskura dawn ir-realtajiet għaliex jippropoga t-teżi li l-każ tal-qtil ta' Daphne Caruana Galizia jieqaf mal-arrest u l-prosekuzzjoni tat-tliet aġenti li wettqu d-delitt u konsegwenza t'hekk, qiegħed jassisti lill-mafia tkompli tgħix fl-oskurità.*

*Ikkunsidrat;*

*Il-Qorti qrat bir-reqqa l-artikolu tal-konvenut u qrat ukoll l-artikolu tal-attur li saret referenza għalih, u fehmet li in essenza l-artikolu impunjat f'din il-kawża huwa msejjes fuq it-teżi li min jinnega illi l-qtil ta' Daphne Caruana Galizia jikkostitwixxi attakk fuq il-libertà tal-espressjoni f'Malta kif wkoll reat mafjuż, u min iħaddan fehma bħal dik espressa mill-attur fis-silta li ġiet riprodotta fl-artikolu impunjat, ikun qiegħed jimmanifesta dik ix-xejra ta' omertà mafjuża li hija meqjusa bħala forma ta' kompliċità taċita li topera biex tassisti lill-imħuħ wara r-reati mafjużi sabiex jeludu l-ġustizzja u bħala tali, hija punibbli taħt il-leġislazzjoni anti-mafia fl-artikolu 416 bis tal-Kodiċi Penali Taljana. Il-Qorti fehmet ukoll illi l-artikolu tal-konvenut iwassal messaġġ distint: li kull min jiċħad li Daphne Caruana Galizia inqatlet minn organizzazzjoni kriminuża m'huwa xejn ħlief kompliċi, għad illi involontarjament, fil-perpetrazzjoni tal-ħrafa li Vincent Muscat u Alfred u George Degiorgio biss kienu l-qattiela ta' Daphne Caruana Galizia u ma qatlux lil Daphne Caruana Galizia fuq ordnijiet ta' xi ħaddieħor. Il-konvenut iqis dikjarazzjonijiet bħal dik li għamel l-attur fl-artikolu tiegħu, bħala turija ta' kompliċità taċita fiċ-ċaħda tal-eżistenza tal-organizzazzjoni kriminuża fl-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia.*

*L-essenza ta' dan l-argoment tal-konvenut tinsab manifestata mis-silta konkludenti tal-kitba tiegħu:-*

"416 bis is not happening here because our political class is proportionately far more compromised than the Italian – even the Sicilian – political community ever was. We are far too deep in out way of doing things. The Mafiosi are far too powerful. Their ability to intimidate and ensure compliance or silence reached politicians and policemen and judges. And even journalists who help propagate the oxygen that keeps the mafia alive: the broadly accepted lie that the mafia does not exist, and that Daphne was killed by "three known criminals with foreign contacts."

*Il-Qorti ikkunsidrat illi effettivament, il-korp tal-kitba tal-konvenut fih aċċenn kontinwu għal dan il-kunċett tal-konfoffa kriminali fl-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia u għall-kunċett ta' omertà liema kunċett, skont il-konvenut, jirrendi kompliċi fid-delitt mhux biss min jibqa' sieket dwar dak li jaf dwar il-kommissjoni tad-delitt, iżda wkoll kull min, bħall-attur, ikun qiegħed jiżvija lill-pubbliku billi jxerred it-teorija li m'hemm ħadd iktar apparti t-tliet persuni akkużati bil-qtil li kellu involviment f'dan id-delitt jew li kellu x'jiggwadannja minnu. Kompliċità li hija identifikabbli wkoll, skont il-konvenut, f'kull min jiċħad li dan il-qtil twettaq minn organizzazzjoni kriminuża li hija finanzjata fost oħrajn mill-appalti u konċessjonijiet pubbliċi li wħud minnhom kienu qed jiġu investigati mill-istess ġurnalista fiż-żmien meta hija ġiet maqtula jew li irnexxielhom jimmaterjalizzaw proprju għaliex Daphne Caruana Galizia ġiet maqtula.*

*Uħud minn dawn il-brani fil-pubblikazzjoni tal-konvenut huma s-segwenti:-*

"They wrote the 416 bis because ... You need to get the guys making the money from the government contracts that murder was intended to allow to happen. And you need to get the politicians who allowed themselves to be bribed or intimidated into giving them that contract.

Vincent Muscat and Alfred and George Degiorgio are charged with murdering a journalist who was at the time of her death in possession of material evidence that could be reasonably assumed to cause problems for a number of public concessions including, although not limited to, Electrogas deal.

Arresting and punishing them does not begin to assess the mafioso nature of this crime and the fact that this crime covers a conspiracy the money from which comes from legitimate business (such as the generation of electricity from a government concession) makes this more of a mafia crime than if it was a bunch of criminals who killed the journalist ...

...

We have accepted a number of considerations surrounding the assassination of Daphne Caruana Galizia. One of those considerations, for people who are not wilfully or unwittingly part of the conspiracy that has killed her, is that Alfred and George Degiorgio and Vincent Muscat killed Daphne at the behest of someone else.

We also accept that since she wasn't stabbed in a dark alley but blown up in broad daylight those who killed her wanted to achieve more that her death. They wanted to achieve intimation and fear in others who like her might prove problematic for the organisation that killed her."

*Ikkunsidrat;*

*Bħala punt ta' tluq għandu jiġi puntwalizzat qabel xejn illi l-Qorti m'hijiex imsejħa f'din il-kawża biex tiddeċiedi liema miż-żewġ teoriji kuntrarji espressi mill-partijiet (fn. 3 Fiż-żewġ pubblikazzjonijiet fuq imsemmija, rispettivament) b'rabta mal-implikazzjonijiet u materji oħrajn konnessi mal-qtil ta' Daphne Caruana Galizia, hija dik korretta jew ma' liema waħda hija taqbel. Din hija azzjoni ta' libell u l-istħarriġ tal-Qorti huwa arġinat għad-determinazzjoni jekk il-bran tal-artikolu ppubblikat mill-konvenut fit-28 ta' Ottubru 2019, impunjat mill-attur, huwiex diffamatorju għall-istess attur u xejn iktar.*

*Il-Qorti tibda biex tosserva illi huwa manifest li l-istqarrijiet tal-konvenut, impunjati mill-attur f'din il-kawża, m'humiex stqarrijiet ta' fatt iżda jikkostitwixxu flimkien u fl-assjem tagħhom, espressjonijiet tal-fehma tal-konvenut ossia* value judgements*.*

*S'hawnhekk, il-konvenut għandu raġun meta fir-Risposta tiegħu jiddeskrivi lill-artikolu impunjat, fil-kumpless tiegħu, bħala kumment. In materja ġie ritenut illi għalkemm il-prova tal-verità ta'* value judgements *m'hijiex faċilment suxxettibbli għall-prova, jeħtieġ dejjem li jkollhom bażi fattwali soda:-*

"… a careful distinction needs to be made between facts and value judgments. The existence of facts can be demonstrated, whereas the truth of value judgments is not susceptible of proof (see De Haes and Gijsels, cited above, p. 235, § 42, and Harlanova v. Latvia (dec.), no. 57313/00, 3 April 2003)". *(fn. 4* ***Cumpana and Mazare v. Romania.*** *App. 33348/96)*

*Għalkemm din il-konklużjoni tinsilet mill-użu ta' kliem bħal "*Raphael Vassallo would never see this as a mafia case", u "Unwittingly or perhaps because he is part of the mafia conspiracy that killed Daphne Caruana Galizia he perpetrates the myth that arresting and punishing ...", *għandu jiġi osservat ukoll illi d-determinazzjoni dwar jekk l-istqarrijiet impunjati jikkostitwixxux stqarrija ta' fatt jew dikjarazzjoni ta' opinjoni ma tistax isseħħ abbażi ta' analiżi spezzettata jew iżolata tal-istqarrijiet jew il-kliem allegatament malafamanti, iżda l-istħarriġ għandu jsir minn lenti iktar wiesa' li jevalwa l-qafas kollettiv tal-kitba li l-istqarrijiet impunjati jifformaw parti minnu, dejjem mill-perspettiva tal-qarrej ordinarju u raġjonevoli.*

*Jingħad li fl-istħarrig tal-kwistjoni jekk fil-pubblikazzjoni impunjata, saritx imputazzjoni - inkluż naturalment waħda diffamatorja - fil-konfront tal-persuna aggravata, għandu jigi stabbilit jekk persuna ordinarja u raġjonevoli* ("an ordinary, reasonable person")*, tkun kapaċi tifhem dik l-istqarrija bħala waħda li minnha tinsilet l-imputazzjoni impunjata. Fost il-prinċipji applikabbli għad-determinazzjoni ta' jekk stqarrija hijiex kapaċi twassal l-imputazzjoni impunjata, id-deċiżjoni ċelebri* ***Jeynes v News Magazines Ltd*** *(fn. 5 [2008] EWCA) telenka s-segwenti:-*

"(1) the governing principle is reasonableness. (2) the hypothetical reasonable reader is not naïve but he is not unduly suspicious. He can read between the lines. He can read in an implication more readily than a lawyer and may indulge in a certain amount of loose thinking but he must be treated as being a man who is **not avid for scandal and someone who does not, and should not, select one bad meaning where other non-defamatory meanings are available**. (3) **over-elaborate analysis is best avoided**. (4) the intention of the publisher is irrelevant. (5) **The article must be read as a whole**… (6) The hypothetical reader is taken to be representative of those who would read the publication in question. (7) In delimiting the range of permissible defamatory meanings, the court should **rule out any meaning which 'can only emerge as the produce of some strained, or forced, or utterly unreasonable interpretation** …' (8)

It follows that **it is not enough to say that by some person or another the words __might__ be understood in a defamatory sense**." (emfasi tal-Qorti)

*F'kull każ huwa mħolli lill-ġudikant biex jiddetermina jekk il-kliem użat huwiex kapaċi, raġjonevolment, illi jwassal it-tifsira vantata mill-persuna aggravata u jekk, f'każ affermattiv, dik it-tifsira hijiex kapaċi li titqies skont il-liġi bħala diffamatorja. F'każ fejn il-kliem użat fid-dikjarazzjoni impunjata jista' jagħti lok għall-interpretazzjoni li qed issir imputazzjoni fil-konfront tal-persuna malafamata, jingħad illi:-*

*"… **the question will be whether it is reasonably capable of conveying that imputation**. Logically anterior, therefore, to the question of whether the words are capable of being defamatory in law, is the question of what meaning the word or words are reasonably capable of bearing." (fn. 6 Gatley* 'On Libel and Slander'*, 2013 Ed. p. 113.[emfasi tal-Qorti]*

*Fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, l-attur jilmenta illi l-konvenut jagħmel imputazzjoni serja ħafna li huwa kompliċi fl-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia u li jifforma parti mill-mafia ossia tal-organizzazzjoni kriminuża li qatlitha. Iżda wara li qrat l-artikolu impunjat, il-Qorti ma taqbilx illi din hija l-imputazzjoni li tinsilet mill-kuntest sħiħ tal-pubblikazzjoni.*

*Għall-Qorti hu ovvju li l-konvenut mhux qed jimputa kondotta **speċifika** lill-attur iżda qiegħed jirreaġixxi għall-pożizzjoni li, fil-fehma tiegħu, ittieħdet u ġiet komunikata mill-attur fl-artikolu tiegħu pubblikat fis-7 ta' Frar 2019 (fn. 7 Is-silta mill-artikolu tal-attur ġiet riprodotta fil-pubblikazzjoni in diżamina). Mill-kuntest sħiħ tal-pubblikazzjoni tal-konvenut, il-Qorti fehmet minnufih li s-silta li hija impunjata mill-attur hija l-espressjoni tal-ġudizzju tal-konvenut dwar l-implikazzjonijiet tal-istqarrija magħmula mill-attur innifsu, ċitata verbatim fl-artikolu impunjat, illi Daphne Caruana Galizia nqatlet mit-tliet persuni li diġà ġew akkużati b'dan l-omiċidju u min jaħseb li l-qtil tal-ġurnalista jikkostitwixxi attakk mill-Istat kontra l-libertà tal-espressjoni, jikklassifika fost "*the more unreasonable ones*".*

*Dan il-ġudizzju tiegħu il-konvenut fasslu fis-sura ta' imputazzjoni li b'kitba bħal din, l-attur qed iwassal messaġġ lill-qarrejja tiegħu li ma hemm ħadd iktar involut fl-assassinju tal-ġurnalista. Messaġġ li jikkontradixxi l-fehmiet tal-konvenut dwar l-istess assassinju u li huwa jqis bħala manifestazzjoni tal-kunċett ta' omertà għaliex messaġġ bħal dak jinnega l-involviment ta' organizzazzjoni krimunża fl-assassinju u b'hekk ikompli jxxerred dak li l-konvenut jissejjaħ* "gidba"*: li ma kien hemm ħadd iktar involut fid-delitt għajr għat-tliet persuni akkużati bid-delitt* "and their foreign contacts".

*Dan ifisser illi s-silta impunjata f'din l-azzjoni, meħuda fil-kuntest tal-bqija tal-pubblikazzjoni tal-konvenut, tikkostitwixxi il-kritika tal-konvenut b'reazzjoni għall-propagazzjoni ta' fehmiet bħal dawk li huwa dehrlu li jinsiltu mill-artikolu ppubblikat mill-attur, ċioé fehmiet li jinnegaw l-eżistenza tal-mafia u l-infiltrazzjoni tagħha fl-Istat Malti kif ukoll fl-assassinju ta' Daphne Caruna Galizia.* ***Iżda, kuntrarjament għal dak li jsostni l-attur, il-Qorti ma taqbilx - u minn qari oggettiv u komplut tal-artikolu bl-ebda mod ma jinftiehem – li din il-kritika twassal jew tagħmel insinwazzjoni li l-attur jifforma materjalment parti mill-mafia jew l-organizzazzjoni kriminali li fil-fehma tal-konvenut, hija effettivament responsabbli għall-qtil tal-ġurnalista. Lanqas timplika, raġjonevolment, illi l-konvenut qiegħed jakkuża lill-attur li attwalment wettaq reat kriminali jew huwa kompliċi fl-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia****.*

*Fid-deċiżjoni fil-każ* **Baturina v. Times Newspapers Ltd** *(fn. 8 [2008] EWCA Civ. 308. Fl-istess deċiżjoni ntqal ukoll: -* "meaning is an objective test entirely independent of the defendant's state of mind and intention". ... what imputation is conveyed by any particular words is to be determined on an objective test, that is, by the meaning in which the ordinary reasonable person would understand them ..."*) ġie ritenut:-*

"As the test is an objective one, evidence as to how a statement was actually understood by its recipients is irrelevant in determining the imputation or imputations conveyed by the statement and thus inadmissible. What the publisher intended to convey by the statement is equally irrelevant in determining the imputations in fact conveyed."

*Għall-kuntrarju ta' dak li daħħal f'rasu l-attur, il-Qorti fehmet li l-konvenut jqiegħed lill-attur metaforikament fil-keffa estiża tal-mafia li, skont il-konvenut, huwa kompriż fiha, b'forma ta' kompliċità taċita (i) kull min b'xi mod iżomm mat-teżi li l-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia jieqaf mat-tliet persuni akkużati li splodew il-bomba u l-kuntatti tagħhom fl-esteru u wkoll (ii) kull min, b'riżultat tas-setgħa tal-mafia li tintimida u tikseb is-silenzju ta' firxa wiesa' ta' persuni inkluż ġurnalisti, jippropaga l-fehma li dan il-qtil ma kienx imwettaq minn organizzazzjoni kriminuża.*

*Il-Qorti tqis illi l-qafas tal-kritika tal-konvenut fil-konfront tal-attur huwa definit mis-segwenti frażi li, fil-fehma tagħha, tikkattura tabilħaqq l-essenza tal-imputazzjoni magħmula jew intiża mill-konvenut, illi d-dikjarazzjoni tal-attur fl-artikolu pubblikat f'Maltatoday hija manifestazzjoni tal-effetti tal-intimidazzjoni eżerċitata mill-mafia. Il-konvenut fisser li din l-intimidazzjoni hi kapaċi tinfiltra:-*

"... even journalists who help propagate the oxygen that keeps the mafia alive: the broadly accepted lie that the mafia does not exist. And that Daphne was killed by "three known criminals with foreign contacts."

*Fil-fehma tal-Qorti dan il-bran iservi biex itaffi sostanzjalment it-tniggiża inizjali li jidher li ħassu aggravat biha l-attur iktar qabel fl-artikolu fejn, b'referenza għall-istess attur, il-konvenut stqarr illi "*That is how he (and others) cover up for the mafia, thereby being part of it" - *għalkemm, għandu jiġi emfasizzat, din is-silta ma tnissilx, raġjonevolment, l-imputazzjoni li fattwalment l-attur huwa parti mill-mafia. In effetti, huwa rikonoxxut li jista' jkun hemm istanzi fejn l-istess stqarrija l-ewwel tavvanza, iżda mbagħad twaqqa', allegazzjoni li hi kapaċi titqies bħala diffamatorja (fn. 9* ***Corby v. Allen & Unwin Pty Ltd*** *[2013] NSWSC 617 – ċitat f'Collins supra 6.73 p. 134), iżda l-kwistjoni jekk il-kliem meqjus bħala diffamatorju jitilfu l-essenza diffamatorja tagħhom minħabba xi kwalifika jew kliem iehor, tibqa' dejjem waħda ta' fatt li għandha tiġi evalwata b'referenza għall-istandards tal-qarrej ordinarju u ragjonevoli.*

"This or that sentence may be considered defamatory, but there may be other passages which take away their sting. In this regard, the reasonable reader is assumed to have read the whole article complained of." *(fn. 10* ***Cruddas v. Calvert*** *[2013] EWHC 1427 (QB). Skont il-Gatley, supra, 3.31, p.152:* "If 'in one part of the publication something disreputable to the plaintiff is stated, but that is removed by the conclusion, the bane and the antidote must be taken together"*).*

*Wara kollox, kif diġà ngħad, huwa principju ġenerali li għad-determinazzjoni dwar jekk l-artikolu impunjat iwassalx jew le l-imputazzjoni addebitata, għandha ssir referenza ghall-artikolu sħiħ u mhux biss għat-titolu jew xi paragrafu jew kliem ieħor fl-istess artikolu. Barra minn hekk, il-persuna aggravata ma tistax tagħżel dawk il-partijiet tal-pubblikazzjoni li, meħudin waħedhom, ikunu diffamatorji mingħajr ma jittieħdu in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi u l-kuntest kollu tal-pubblikazzjoni. Dan huwa effettivament li għamel l-attur fix-xhieda tiegħu meta fisser li l-malafama fil-konfront tiegħu tinsab fis-silta "*Unwittingly, or perhaps because he is perhaps part of the mafia conspiracy that killed Daphne Caruana Galizia, he perpetrates the myth that arresting and punishing the triggermen resolves the crime …." *(fn. 11 Ara xhieda tal-attur tad-29 ta' Jannar 2020, senjatament fol. 18 u fol. 20)*

*Huwa minnu wkoll li l-ġudizzju tal-konvenut jista' jitqies li huwa ftit jew wisq estrem meta bl-applikazzjoni tal-kunċett tal-omertà, ipoġġi lill-attur u kull min b'xi mod ma jikkondividix il-fehma li l-qtil ta' Daphne Caruana Galizia twettaq minn konfoffa kriminuża, fl-istess keffa wiesa' mal-awturi jew mandati tad-delitt tal-qtil ta' Daphne Caruana Galizia.* ***Iżda minn qari <u>sħiħ</u> tal-artikolu – u mhux biss tas-siltiet indikati mill-attur fix-xhieda tiegħu - hija l-fehma tal-Qorti li l-qarrej ordinarju jista' jintebaħ***

***mingħajr wisq diffikoltà illi r-referenzi għall-attur u għall-artikolu tiegħu iservu biss biex jippersonifikaw din it-teorija tal-konvenut u m'huma xejn ħlief assimilazzjoni metaforika li biha l-konvenut, attivist ewlieni tas-soċjetà ċivili u bħala persuna li l-attur innifsu jikkonsidra bħala awtorità fuq il-każ tal-qtil tal-ġurnalista, dehrlu li għandu jfisser u jesprimi l-konvinċiment tiegħu dwar l-involviment tal-mafia f'dan il-qtil***.

*Minn din il-perspettiva, li raġjonevolment hija l-unika waħda li jippermetti l-qari sħiħ u oġġettiv tal-kitba in diżamina, il-Qorti ma tqisx illi l-istqarrijiet tal-konvenut jistgħu jinftiehmu li għandhom tifsira diffamatorja. Wara kollox, kif jgħid Collins in propositu:-*

*"*A statement may not convey a defamatory imputation where it is obvious that it is not to be taken literally ...*" (fn. 12* Collins on Defamation, *Matthew Collins QC, Oxford University Press, 2014 Ed, supra, 6.84, p. 136)*

*Ikkunsidrat;*

*Għandu jingħad ukoll illi filwaqt li l-Qorti tista' tifhem illi l-attur ħassu offiż bl-attakki li saru kontrih fil-kibta tal-konvenut dwar il-materja tal-konfoffa mafjuża li fil-fehma tiegħu qatlet lil Daphne Caruana Galizia, dan m'huwiex biżżejjed biex l-espressjoni tal-fehma tal-konvenut jitqies li huwa diffamatorju għall-attur.*

*F'kull każ, biex l-istqarrijia impunjata titqies bħala diffamatorja, trid tissodisfa l-ħtiġijiet tal-Artikolu 3(4) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama. Din id-dispożizzjoni tistipola illi* ***stqarrijiet m'humiex diffamatorji sakemm ma jikkawżawx ħsara serja jew ikunu jistgħu jikkawżaw ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna jew persuni speċifiċi li jagħmlu t-talba****.*

*Il-Gatley, fil-kummenti tiegħu dwar l-Artikolu 1 tad-Defamation Act (UK) (fn. 14 On Libel and Slander (2013 Ed.) 2.6, p.41), jgħid illi t-tendenza li l-imputazzjoni tinċidi negattivament, anke jekk b'mod sostanzjali, fuq ir-reputazzjoni ta' persuna, ma għadhiex iktar suffiċjenti sabiex issostni azzjoni taħt il-liġi l-ġdida, għaliex din introduċiet kriterju ferm iktar oneruż minn hekk. Effettivament, taħt id-Defamation Act (UK) 2013 u ugwalment taħt l-Att dwar il-Midja u l-Malafama li effettivament, jikkonsisti f'riproduzzjoni kważi identika tat-test tal-liġi Ingliża, stqarrija, biex titqies bħala diffamatorja, għandha mhux biss tkun kapaċi li tolqot ħażin ir-reputazzjoni tal-persuna iżda* ***għandha tikkaġuna jew tkun fiha l-propensità li tikkaġuna ħsara serja lir-reputazzjoni****.*

*Dan l-effett huwa riskontrabbli jekk fil-każ partikolari, il-pubblikazzjoni impunjata tolqot ħażin u b'mod gravi u sostanzjali l-attitudni ta' persuni oħrajn fil-konfront tas-*

*soġġett tal-malafama,* ***b'mod li tikkaġuna jew hi kapaċi tikkaġuna ħsara serja****. Fil-ġeneralità tal-każi, għall-fini ta' dan l-istħarriġ ikun jeħtieg li ssir referenza, fost oħrajn, għan-natura tal-imputazzjoni addebitata bil-pubblikazzjoni impunjata u għall-mezz u l-firxa tal-pubblikazzjoni, kif ukoll għandu jitqies jekk* ***il-kliem humiex kapaċi fil-kuntest partikolari tagħhom, ikunu diffamatorji għal dik il-persuna partikolari****.*

*Skont il-Gatley (fn. 15 Gatley, On Libel and Slander (2013 Ed.), p. 41, 2.5):-*

"… whether a publication has caused or is likely to cause, **serious harm is likely to require a careful investigation of facts of the particular case and in particular the inherent gravity of the allegation**, the nature and status of the publisher and publishee, the claimant's current reputation and financial position, and whether similar allegations have been published before." *(fn. 16 Bħala parti minn dan l-istħarriġ:- "*Questions of tone and expression, as well as the medium and extent of publication, will all be relevant. The focus will be on the effect or potential effect of the statement on the reputation, rather than the feelings, of the claimant." ***Collins on Defamation*** *(2014 Ed.) P. 154 7.32)*

*Bħala parti minn dan l-istħarrig:-*

*"*Questions of tone and expression, as well as the medium and extent of publication, will all be relevant**. The focus will be on the effect or potential effect of the statement on the reputation, rather than the feelings, of the claimant**.*" (fn. 17 Collins on Defamation (2014 Ed.) p. 154 7.32)(emfasi tal-Qorti)*

*Huwa minnu li l-Qorti tifhem illi l-attur seta' ħassu offiż li l-konvenut ta x'jifhem li huwa kompliċi, f'sens wiesa' tal-kelma, fil-konkoffa responsabbli għall-qtil ta' Daphne Caruana Galizia,* multo magis *meta tikkunsidra li l-attur, kif xehed huwa stess, kien ilu jaf lill-ġurnalista minn mindu kienu żgħar u kienu anke qattgħu għaxar snin jaħdmu flimkien, u meta l-attur xehed li huwa jqis lill-konvenut bħala awtorità fuq il-każ ta' Daphne Caruana Galizia peress illi huwa ħadem ma' diversi ġurnalisti ta' fama mondjali biex dwar dan il-każ ippubblika ktieb li fih interess qawwi internazzjonali (fn. 8 Ara fol. 22 u fol. 28, xhieda tal-attur tad-29 ta' Jannar 2020). Iżda dan il-fattur m'huwiex daqshekk rilevanti fl-istħarriġ dwar l-element diffamatorju.*

*Għandu jingħad ukoll li l-fatt waħdu li l-attur u jew persuni oħrajn setgħu fehmu l-kliem ippubblikat f'sens diffamatorju ma jfissirx neċessarjament li dan hu minnu, sakemm m'humiex raġjonevolment ġustifikati li jifhmu l-kliem f'dak is-sens diffamatorju. Lanqas m'hu biżżejjed li xi persuna jew oħra setgħu fehmu l-kliem f'sens diffamatorju jekk effettivament, din il-fehma ma tirrappreżentax il-fehma tal-qarrej raġjonevoli ta' intelliġenza ordinarja u bl-għarfien u esperjenza ġenerali tal-persuna*

*ordinarja.* ***L-element diffamatorju jeħtieg li jiġi riskontrat mill-Qorti bl-applikazzjoni tal-kriterju tal-qarrej ordinarju u mhux il-kriterju tal-ġurnalist, tal-qarrej b'aġenda politika soċjali jew xort'oħra, jew il-qarrej li huwa rappreżentattiv biss ta' settur partikolari tas-soċjetà****.*

*Jingħad ukoll fir-rigward:-*

"… regard must be had to the context in which the statement was made and evolving social mores and opinions. Whether a statement is defamatory is assessed by reference to the standards of society as a whole, and not sectional attitudes." *(fn. 19 Collins, ibid. 6.04, p. 116)*

*Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi minħabba li, inevitabbilment, fiċ-ċirkostanzi tal-qtil ta' Daphne Caruana Galizia, din il-materja żvolġiet f'waħda ta' politika partiġġjana, il-fehma tal-konvenut dwar l-infiltrazzjoni tal-mafia fl-Istat Malti u l-involviment tal-mafia fil-qtil, ma tistax titqies li hija kondiviża u aċċettata mill-opinjoni pubblika tas-setturi kollha tas-soċjetà Maltija. Dan ifisser illi l-fatt li l-attur jista' jħoss li r-reputazzjoni tiegħu tista' ssofri ħsara f'għajnejn dak is-settur tas-soċjetà li jħaddan it-teżi tal-konvenut dwar l-element mafjuż fl-assassinju tal-ġurnalista u ċ-ċensura li din tikkostitwixxi għal-libertà tal-espressjoni f'pajjiżna, m'huwiex biżżejjed biex jirradika l-element tal-ħsara serja għar-reputazzjoni tiegħu, kif del resto meħtieġ għas-suċċess tal-azzjoni ta' libell.*

*Għandu jingħad ukoll illi l-espressjoni tal-ġudizzju tal-konvenut fir-rigward tal-implikazzjoni, mill-perspettiva tiegħu, ta' dak li ġie dikjarat mill-attur fl-artikolu preċedenti tiegħu, ma tikkostitiwixxix attakk fuq il-karattru tal-attur. Fil-fehma tal-Qorti, stabbilit illi effettivament ma saritx imputazzjoni li l-attur ikkommetta reat kriminali, l-assimilazzjoni tad-dikjarazzjoni magħmula mill-attur, mal-kunċett tal-omertà li jifforma l-oġġett tal-kitba tal-konvenut, ċertament m'huwiex tal-kalibru li jinċidi fuq l-integrità tal-attur f'għajnejn is-soċjetà in ġenerali. Kif rajna, l-imputazzjoni fis-sens imfisser mill-attur - li huwa jifforma parti mill-mafia li qatlet lil Daphne Caruana Galizia jew li hu kompliċi fl-omiċidju tagħha - m'hijiex waħda li hi raġjonevolment u oġġettivament kapaċi tinftiehem bħala diffamatorja mis-soċjetà in ġenerali (fn. 20* "...the mere fact that the hearers understood the language in a defamatory sense does not make it defamatory unless they were reasonably justified in so understanding it" – ***Rudd v. De Vos*** *(1892) 2 C.T.R. 384 per Villiers CJ.)*

*Għandu jiġi osservat ukoll illi l-fatt illi kritika li tkun ġiet diretta lejn il-persuna aggravata tista' ma tkunx ġustifikata, ma jfissirx neċessarjament illi dik il-kritika hija diffamatorja għaliex kif rajna, il-qies tas-suċċess tal-azzjoni jibqa' dejjem dak tal-kriterju ta' ħsara serja lir-reputazzjoni u konsegwentement, fin-nuqqas ta' dan l-*

*element tal-ħsara serja, attwali jew potenzjali, l-azzjoni tfalli irrimedjabbilment. Fir-rigward, Gatley jispjega illi:-*

"A true imputation may still be defamatory, although its truth may be a defence to an action brought on it; conversely, untruth alone does not render an imputation defamatory even though it may cause damage to the claimant". *(fn. 21 Gatley, supra, p. 32. 34)*

*F'bosta każijiet, anke l-iktar kritika ħarxa tista' tkun aċċettabbli entro l-parametri ta' kumment ġust u huwa ġeneralment aċċettat illi ċertu qies ta' esaġerazzjoni huwa permess fl-espressjoni ta'* value judgements*, għalkemm, kif diġa rajna, anke* value judgements *jistgħu jitqiesu li huma eċċessivi meta m'humiex sorretti minn bażi fattwali (fn. 22 Vide* ***Jerusalem v. Austria*** *no. 26958/95, §43, ECHR 2001-II) Iżda f'dan il-każ il-Qorti tqis illi l-artikolu tal-konvenut huwa miżgħud b'fondament fattwali li jagħti sostenn lill-fehma tiegħu li n-negazzjoni tal-involviment ta' konfoffa kriminuża tista' titqies bħala omertà. Il-konvenut għamel studju intensiv, riprodott fl-artikolu tiegħu, dwar ir-*ratio legis *wara l-introduzzjoni tal-artikolu 416 bis fil-Kodiċi Penali Taljan u l-inklużjoni tal-omertà bħala forma ta' kompliċità. Fl-istess artikolu huwa jfisser ukoll b'elokwenti l-ħsieb wara l-estensjoni ta' dan il-kunċett lil min bi kliemu u b'għemilu jiżvija lill-pubbliku biex jemmen li l-organizzazzjoni kriminuża msejħa il-mafia, ma teżistix. Organizzazzjoni li l-Qorti ma tistax ma tirrimarkax illi huwa fatt notorjament magħruf li l-eżistenza tagħha ġiet rikonoxxuta wkoll mill-Bord tal-Inkjesta Pubblika ftit xhur ilu fil-konklużjonijiet tar-rapport tiegħu.*

*Fi kwalsiasi każ, il-Qorti tqis illi bħalma l-attur għandu d-dritt li jesprimi l-fehmiet tiegħu dwar il-qtil ta' Daphne Caruana Galiza u jikkritika l-fehmiet ta' persuni bħall-konvenut, li jqis dan l-assassinju bħala att ta' ċensura tal-Istat fuq l-eżerċizzju tal-libertà tal-espressjoni f'Malta, hekk ukoll il-konvenut huwa intitolat ukoll li jesprimi l-kritika tiegħu tal-pożizzjoni li huwa pperċepixxa li ttieħdet mill-attur dwar l-implikazzjonijiet - jew nuqqas ta' implikazzjonijiet - tal-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia fuq id-dritt għal-libertà tal-espressjoni fis-soċjetà Maltija. Għandu d-dritt ukoll jesprimi l-konvinzjoni tiegħu illi Daphne Caruana Galizia nqatlet minn organizzazzjoni kriminuża li tgħix fl-oskurità u li tiġi impliċitament mgħejjuna minn kull min, inkluż ġurnalisti bħall-attur, jippropoga l-fehma fost oħrajn, li Daphne Caruana Galizia nqatlet biss mit-tliet persuni li poġġew il-bomba fil-karozza tagħha.*

***Il-Qorti tikkunsidra illi l-jedd li wieħed jesprimi l-opinjoni tiegħu fuq materji ta' interess pubbliku, bħalma huwa bla dubju l-każ tal-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia, huwa ta' importanza vitali għas-saltna tad-dritt u bħala wieħed mill-prinċipji fondamentali tal-espressjoni libera****. Kemm hu hekk, id-difiżi bħalma huma*

*dawk tal-kumment ġust u llum tal-opinjoni onesta, huma intiżi tabilħaqq biex jippromwovu espressjoni vigoruża tal-fehmiet u dan biex "*a critic need not be mealy-mouthed in denouncing what he disagrees with .... (but rather is) entitled to dip his pen in gall for the purposes of legitimate criticism.*" (fn. 23* ***Tse Wai Chun Paul v. Albert Cheng*** *(2000), ċitat mill-Gatley,* supra, 12.1, p. 423)

*Minn din il-perspettiva, il-Qorti tqis li l-eċċezzjoni tal-konvenut fir-Risposta tiegħu, hi tajba.*

*F'dan il-każ, għar-raġunijiet kollha fuq kunsidrati, il-Qorti ma taqbilx li l-istqarrijiet impunjati mill-attur huma diffamatorji u ma tirravviżax lanqas l-estremi tal-kriterju ta' ħsara serja għar-reputazzjoni tal-attur. Konformement, tqis illi l-azzjoni tiegħu ma tistax tirnexxi."*

## L-Appell

6. L-appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fit-22 ta' Novembru, 2021 fejn qed jitlob lil din il-Qorti sabiex tħassar is-sentenza appellata, tiċħad l-eċċezzjoni tal-appellat, u tilqa' t-talbiet tal-appellant, bl-ispejjeż kontra l-appellat. Jgħid li l-aggravju tiegħu huwa li *"...l-ewwel qorti ... ma afferratx kif jixraq il-provi prodotti u għamlet valutazzjoni, fattwali u legali, għal kollox errata tagħhom u wkoll wettqet apprezzament żbilancjat tal-fatti kif lilha mressqa mill-partijiet u wkoll malament interpretat ċertu aspetti ġuridici tal-vertenza".*

7. L-appellat wieġeb fl-14 ta' Diċembru, 2021 fejn issottometta li s-sentenza appellata hija waħda ġusta u għalhekk għandha tiġi kkonfermata fl-intier tagħha għal dawk ir-raġunijiet li huwa jfisser fir-risposta tiegħu, bl-ispejjeż kontra l-appellant.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju tal-appellant fid-dawl ta' dak li ddeċidiet l-ewwel Qorti, u dan filwaqt li ser tieħu wkoll in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet magħmula mill-appellat fir-risposta tiegħu.

9. Tibda billi qabel xejn tindirizza s-sottomissjoni tal-appellat li permezz tal-appell odjern, din il-Qorti qegħda tiġi mistiedna tindaħal fl-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti. Iżda tgħid li għalkemm dan huwa l-prinċipju ġenerali segwit mill-Qrati tal-Appell, l-indħil tal-Qorti tal-Appell dejjem jibqa' neċessarju fejn jirriżultaw raġunijiet gravi u mpellenti li saħansitra jistgħu wkoll iwasslu sabiex parti jew oħra tbati xi preġudizzju. Għalhekk din il-Qorti ma tistax twarrab daqshekk faċilment il-funzjoni tagħha ta' appell, u għandha qabel xejn tistħarreġ jekk jeżistux tali raġunijiet.

10. Wara li jagħmel riferiment għall-prinċipju li mhuwiex għal qorti tat-tieni grad li tindaħal fl-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tal-qorti tal-ewwel istanza, l-appellant jikkontendi li dan il-prinċipju mhuwiex assolut. Jirrileva li fil-każ odjern kienet inħolqot inġustizzja manifesta stante li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat sew tal-provi. B'riferiment għal dak li kien intqal mill-appellat, u li l-appellant qed jallega li huwa libelluż u malafamanti fil-konfront tiegħu, jgħid li l-imsemmi appellat fil-fatt qed jallega li (a) l-appellant huwa parti minn *mafia conspiracy* li qatlet lil Daphne Caruana Galizia; u (b) permezz tal-imġiba tiegħu l-appellant jgħatti l-ħażin tal-*mafia*, u għalhekk huwa jifforma parti minnha. L-appellant jissottometti li l-qtil ta' din il-ġurnalista kien att kodard u deplorevoli, tant li ħasad lill-pajjiż kollu, u din hija kwistjoni sensittiva

għal bosta. Jgħid li anki min għandu konnessjoni remota mal-każ, jattira lejh disprezz tista' tgħid univoku. Għalhekk kien proprju f'dan il-kuntest li l-appellant, li huwa kittieb u ġurnalist, inħasad meta qara dak li kiteb fuqu l-appellat. Jgħid li dan tal-aħħar saħansitra qiegħed l-allegazzjoni tiegħu taħt il-kappa tal-Artikolu 416 bis tal-Kodiċi Kriminali Taljan, u t-titolu tal-artikolu tal-appellat huwa ntestat "Long Read: 416 bis". Għalhekk jidher li l-appellat qiegħed lill-appellant f'kuntest partikolari, billi jissuġġerixxi li l-appellant seta' jkun (i) persuna li tagħmel parti minn assoċjazzjoni ta' tip mafjuża; jew (ii) persuna li tippromwovi, tidderiġi jew torganizza tali assoċjazzjoni. L-appellant isostni li l-Ewwel Qorti ppruvat timminimizza dak li kiteb l-appellat, billi tpoġġi f'kuntest li mhuwiex daqstant ovvju għal qarrej ordinarju, iżda biss konvenjenti sabiex wieħed jiġġustifika l-kitba, li bla tlaqliq ta' xejn għandu jingħad hija waħda li ma tistax tiġi ġġustifikata. Wara li jagħmel riferiment għal dak li qalet l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, l-appellant jissottometti li l-Ewwel Qorti ddeskriviet dak li kiteb l-appellat bħala *'value judgement',* u mhux bħala dikjarazzjoni ta' fatt. Jgħid li dan qalitu fid-dawl tal-istħarriġ li għandu jseħħ mil-lenti wiesgħa ta' evalwazzjoni tal-kitba sħiħa, u dan dejjem mill-perspettiva tal-qarrej ordinarju u raġonevoli. Imma fil-fehma tal-appellant, hawn l-Ewwel Qorti żbaljat sew għaliex dan qalitu minn perspettiva soġġettiva, u saħansitra forsi għaliex hija kienet involuta direttament fis-smigħ tal-kumpilazzjoni ta' wieħed mill-persuni allegatament involuti fil-qtil ta' Daphne Caruana Galizia, ma nrnexxiliex taddotta l-perspettiva ta' qarrej ordinarju u raġonevoli. Jerġa' hawn l-appellant jagħmel riferiment għal dak li qalet l-Ewwel Qorti, u aċċenna fuq is-sitt prinċipju enunzjat fis-sentenza tal-Qrati Ingliżi fl-ismijiet **Jeynes v. News Magazines Ltd**, jiġifieri, "*the hypothetical reader is taken to be representative of*

*those who would read the publication in question".* L-appellant għamel riferiment għas-sentenza tal-Qorti Suprema Ingliża fl-ismijiet **Stocker v. Stocker**, fejn skont hu ma segwietx l-analiżi stretta tal-ewwel sentenza, u daħlet fil-fond dwar it-tip ta' qarrej li wieħed jistenna li jaqra ċertu kitba, bħal per eżempju f'dan il-każ, *blog* fuq l-internet. L-appellant isostni li fil-fehma tiegħu l-Ewwel Qorti għamlet żewġ żbalji serji meta applikat il-prinċipji li joriġinaw mis-sentenza **Jeynes**, jiġifieri (i) ma kkonsidratx il-qarrej tipiku ta' dawn it-tip ta' *blogs*, u minflok għamlet analiżi li wieħed jippretendi li ssir minn avukat jew persuna fil-professjoni legali; u (ii) ma fehmitx li qarrej tipiku tas-*social media* u ta' *blogs* ta' dawn it-tip, mhux neċessarjament jifhmu u jagħmlu analiżi tal-kitba, bl-istess mod li jagħmel qarrej ta' ġurnal tradizzjonali, fejn wisq probabbli huwa jistrieħ fuq l-ewwel tifsira li tiġih f'moħħu. Filwaqt li jiċċita silta mis-sentenza appellata, l-appellant jikkontendi li għal darb'oħra l-Ewwel Qorti rrepetiet l-iżball tagħha. Jgħid li għall-Ewwel Qorti li wieħed jagħmel parti minn *"mafia conspiracy"* u li b'għemilu jgħatti lill-*mafia "thereby being part of it",* għandu jitqies bħala metafora. L-appellant jikkontendi li jidher li l-Ewwel Qorti kellha *forma mentis* predeterminat, u li hija imponietu bħala dak li għandu jaħseb il-qarrej ordinarju ta' dawn it-tip ta' *blogs*. Iżda jekk dak li nkiteb mill-appellat mhux malafamanti u libelluż, l-appellant isostni li wasal iż-żmien sabiex titneħħa l-azzjoni ċivili għal-libell, u kulħadd jitħalla fil-libertà li jgħid li jrid u li jogħġbu.

11. L-appellat isostni li s-sentenza appellata hija waħda ġusta, u l-Ewwel Qorti għamlet konsiderazzjonijiet tassew mirquma kemm legali kif ukoll fattwali. Jgħid li mhuwiex il-każ hawnhekk li sar apprezzament manifestament skorrett mill-Ewwel Qorti tal-provi li kellha quddiemha, jew li fl-apprezzament tagħha

ġiet żgwidata bl-applikazzjoni ta' xi prinċipju legali żbaljat. Jikkontendi li l-appellant stess saħansitra juri l-ħsieb li wieħed għandu dritt jesprimi ruħhu anki b'mod iebes, għajr fejn ikun huwa stess is-suġġett ta' eżerċizzju tad-dritt tal-libertà ta' espressjoni. L-appellat jgħid li l-Ewwel Qorti fehmet dan bl-aktar mod ċar, u jsostni li s-sentenza appellata għandha sservi bħala linja gwida ewlenija għal każijiet bħal dak odjern, linja gwida li ilha li ġiet imfassla mill-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem. Jissottometti li artikolu bħal dak odjern għandu jinqara fl-intier tiegħu, u dan jidher li għarfitu sew l-Ewwel Qorti. Għal dak li jirrigwarda r-riferiment li għamel l-appellant għal sentenzi tal-Qrati Ingliżi, l-appellat jissottometti li dawn jittrattaw *"posts"* fuq *Facebook* u/jew *Twitter,* u l-appellant jittanta jagħmel paragun bejn artikolu twil u wiesgħa, ma' *'tweets'* jew *'Facebook posts'*, li min-natura tagħhom huma xierfa u skjetti. L-appellat jgħid li dan jixbaħ paragun ta' artikolu twil u studjat f'gazzetta, ma' xi kumment ta' fuq iz-zuntier. Jgħid li anki l-*headline* jew titolu jagħmilha ċara li l-artikolu jeħtieġ qari fit-tul, u għalhekk dan jimplika b'mod lampanti li l-qarrej jeħtieġlu jixtarr il-kontenut tal-artikolu b'mod komplessiv u mhux b'mod spezzettat. Dwar il-kumment tal-appellant li l-Ewwel Qorti ssostitwiet dak li kien jifhem qarrej ordinarju b'dak li fehmet hi, meqjus iżda l-fatt li l-istess Maġistrat kienet qegħda tikkonduċi proċeduri li jinvolvu individwu akkużat bil-qtil ta' Daphne Caruana Galizia, jgħid li dan il-fatt kienu ilu magħruf, u għalhekk jekk l-appellant kellu xi diffikultà dwar dan il-fatt, huwa kien messu qajjem l-ilment tiegħu quddiem l-istess Qorti. Daqstant ieħor ma kienx jagħmel sens l-argument tal-appellant li l-Ewwel Qorti ssostitwiet il-fehma jew *"understanding"* soġġettiva tagħha ta' persuna mħarrġa fil-liġi, għal dak li kien jifhem il-qarrej li mhux avukat jew mod ieħor imħarreġ fil-liġi. L-appellat isostni li l-appellant ma fissirx kif l-Ewwel Qorti

kellha tinjora għal kollox, u kważi kważi jgħid tħassar minn moħħha kull tagħlim legali, u taddotta l-*forma mentis* ta' qarrej ordinarju, anki forsi bla grad universitarju jew edukazzjoni sekondarja. Li huwa ċar huwa li l-appellant naqas milli jikkonvinċi lill-Ewwel Qorti sabiex tinjora l-kuntest sħiħ tal-artiklu, u qed jittenta jipperswadi lil din il-Qorti sabiex tissostitwixxi dak li fehmet l-Ewwel Qorti, b'dak li fehem hu. L-appellat jirrileva li l-appellant hekk kien għamel quddiem l-Ewwel Qorti, fejn ittenta jipperswadiha li l-artiklu kien ġegħlu jibża' jidħol il-Belt fil-ħin ta' protesta jew velja konnessa mal-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia, u fil-fatt irriżulta li huwa qatt ma kien jattendi u li qatt ma kien ġie aggredit jew mod ieħor insultat konsegwenza tal-artiklu, u wisq inqas għal xi raġuni oħra.

12. L-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata tagħha tibda billi tagħraf dak li kien fil-fehma tagħha l-ilment tal-appellant, u dan b'riferiment wkoll għax-xhieda tiegħu, filwaqt li osservat li huwa ġurnalist ta' 25 sena esperjenza li għal diversi snin ilu jippubblika fil-gazzetta *Maltatoday*. Ikkunsidrat li r-riferimenti għall-appellant fil-kitba allegatament leżiva, saru wara li l-istess appellant kiteb artikolu ntestat *"Freedom of expression also means the freedom to talk out of your ass",* li ġie ppubblikat fil-gazzetta *Maltatoday* fis-7 ta' Frar, 2019. L-Ewwel Qorti osservat li fl-artikolu tiegħu l-appellant kien ikkritika lil min kien jilmenta li l-libertà tal-espressjoni f'pajjiżna kienet ġiet minsusa mill-Istat f'dawn l-aħħar snin, għaliex skont hu kulħadd jesprimi ruħhu kif irid. Imbagħad l-Ewwel Qorti għaddiet sabiex ħadet in konsiderazzjoni li l-appellat huwa magħruf bħala attivist tas-soċjetà ċivili b'rabtiet mal-għaqda non-governattiva Repubblika, kif ukoll huwa awtur ta' diversi pubblikazzjonijiet, fejn it-tema ċentrali kienet dik

tal-korruzzjoni u l-konnessjonijiet mal-qtil ta' Daphne Caruana Galizia. L-Ewwel Qorti għarfet li l-appellat kien ukoll awtur tal-*blog* magħrufa bl-isem "*Truth Be Told"* fuq is-sit elettroniku www.manueldelia.com.

13. L-Ewwel Qorti kkonsidrat il-pożizzjoni tal-appellat fejn huwa kien interpreta d-dikjarazzjoni tal-appellant suriferita, bħala evidenza tal-attitudni li l-assassinju tal-ġurnalista huwa omiċidju ordinarju, u bħala turija ta' stmerrija għall-ipoteżi mħaddna fost oħrajn mill-appellat u minn attivisti oħrajn, li tali omiċidju kien wera theddida konkreta min-naħa tal-Istat kontra l-libertà tal-espressjoni. Għarfet li permezz tal-pubblikazzjoni impunjata, l-appellat kien irreaġixxa għall-pożizzjoni ta' persuni bħal ma kien l-appellant, li ma kienux iqisu bħala raġonevoli t-teorija li l-qtil tal-ġurnalista kien sinjal ta' kif kienet miżmuma l-libertà tal-espressjoni hawn Malta. L-Ewwel Qorti qieset li l-appellat fil-kitba tiegħu fisser il-ħsibijiet tiegħu dwar dak li skont hu kien qtil ta' xeħta mafjuża, u bi spunt mid-dikjarazzjoni tal-appellant, l-appellat qal li min juri l-fehma li l-qtil tal-ġurnalista m'huwa xejn aktar mill-azzjoni tat-tliet persuni li poġġew u splodew il-bomba li qatlitha, u li l-assassinju ma kellux elementi ta' organizzazzjoni kriminuża, qiegħed jinnega l-element mafjuż tiegħu, u jinnega wkoll l-infiltrazzjoni tal-*mafia* hawn Malta u fost il-klassi politika, sabiex b'hekk jgħin li l-eżistenza tal-*mafia* tibqa' mistura, filwaqt li din tgħix fl-oskurità u tkompli titkattar.

14. L-Ewwel Qorti għarfet li l-appellat isostni li bħala ġurnalist l-appellant kellu d-dmir li jindaga u li jikxef il-verità, anki billi jirrikonoxxi li l-omiċidju kien mhux biss attakk fuq il-libertà tal-espressjoni hawn Malta iżda anki reat mafjuż, li kieku kellna liġi analoga fl-ordinament ġuridiku tagħna, dan kien jiġi regolat

permezz tal-Artikolu 416 *bis* tal-Kodiċi Penali Taljan. L-Ewwel Qorti qieset ukoll li l-appellat qed jikkontendi li l-appellant permezz tal-kitbiet tiegħu, fosthom dik tas-7 ta' Frar, 2019, qed ifixxkel dawn ir-realtajiet, stante li huwa kien itenni li l-qtil ta' Daphne Caruana Galizia jieqaf mal-arrest u mal-prosekuzzjoni tat-tliet aġenti li wettquh, u b'hekk l-appellant kien qed jassisti lill-*mafia* tkompli tgħix fl-oskurità.

15. L-Ewwel Qorti ddikjarat li hija kienet qrat bir-reqqa l-artikolu tal-appellant u anki l-artikolu tal-appellat, u filwaqt li tenniet dak li hija fehmet li kien il-qofol tat-tieni artikolu, esprimiet li dan kien iwassal il-messaġġ ċar li kull min jiċħad li Daphne Caruana Galizia inqatlet minn organizzazzjoni kriminuża, huwa kompliċi involontarju fit-tixrid tal-ħrafa li Vincent Muscat u Alfred Degiorgio u George Degiorgio ma mxewx fuq ordnijiet ta' ħaddieħor. L-Ewwel Qorti għarfet li l-appellat kien ikkonsidra d-dikjarazzjoni kif magħmula mill-attur fl-artikolu tiegħu, kienet turi kompliċità siekta fiċ-ċaħda tal-eżistenza ta' organizzazzjoni kriminuża fil-qtil ta' Daphne Caruana Galizia, u fit-tixrid tat-teorija li ma kien hemm ħadd aktar għajr għal dawk it-tliet akkużati li kienu nvoluti fil-qtil jew li kellhom x'jiggwadanjaw minnu. L-Ewwel Qorti tiċċita s-silta tal-aħħar mill-artikolu tal-appellat, li skont hi tabbraċċja l-essenza tal-argument tiegħu.

16. Imbagħad l-Ewwel Qorti ddikjarat li qabel xejn kellu jingħad li fil-proċeduri odjerni ma kinitx imsejħa tiddeċiedi liema miż-żewġ teoriji kuntrarji tal-partijiet kienet korretta, jew ma' liema waħda minnhom hija kienet taqbel. Din il-Qorti hawn tikkondividi pjenament dak li sostniet l-Ewwel Qorti. L-Ewwel Qorti stqarret li din hija azzjoni ta' libell, u l-istħarriġ tagħha kien limitat għall-

indaġini dwar jekk l-artikolu in kwistjoni għandux jitqies bħala diffamatorju fil-konfront tal-appellant.

17. L-Ewwel Qorti qalet li kien manifest li l-istqarrijiet tal-appellat fl-assjem tagħhom kienu jikkostitwixxu espressjonijiet tal-fehma tiegħu jew *value judgements.* Qalet li l-imsemmi appellat kellu raġun meta fir-risposta tiegħu jiddeskrivi l-artikolu tiegħu fil-kumplessività tiegħu bħala kumment. Din il-Qorti tgħid li ma ssibx għaliex tikkontradixxi din il-fehma tal-Ewwel Qorti, li kompliet tgħid li ġie ritenut illi għalkemm il-prova tal-verità hawn ma kinitx waħda suxxettibbli sabiex tiġi ppruvata, kien dejjem jeħtieġ li jkun hemm bażi fattwali soda, u hawn hija tagħmel riferiment għad-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **Cumpana and Mazare v. Romania**.[1] Sostniet li l-istħarriġ hawn kellu jsir minn lenti wiesgħa, fejn kellha ssir evalwazzjoni tal-qafas kollettiv tal-kitba, u dan mill-perspettiva tal-qarrej ordinarju u raġonevoli. Din il-Qorti tirrileva li minn hawn 'il quddiem l-Ewwel Qorti tkompli tagħmel enfażi qawwi fuq il-fatt li s-siltiet impunjati ma jistgħux jittieħdu barra mill-kuntest tagħhom, iżda għall-fini tal-eżami ta' malafama għandhom jiġu kkunsidrati flimkien mal-kuntest sħiħ fejn jinsabu.

18. L-Ewwel Qorti hawn tkompli billi tgħid li l-istħarriġ ta' pubblikazzjoni mpunjata jistrieħ fuq l-eżami jekk persuna ordinarja u raġonevoli ossija *"an ordinary, reasonable person",* tkunx kapaċi tifhem dik il-pubblikazzjoni bħala waħda li minnha tinsilet l-imputazzjoni mpunjata. Għall-fini tal-eżami meħtieġ, hija tagħmel riferiment għad-deċiżjoni **Jeynes v. News Magazines Ltd**, u tiċċita

[1] App. 33348/96.

silta minnha, fejn ġew elenkati ta' mill-inqas tmien prinċipji li għandhom iwasslu sabiex jiġi determinat jekk stqarrija tistax twassal b'mod raġonevoli għall-imputazzjoni kif allegata mill-persuna aggravata, u qalet li sta għall-ġudikant li jiddeċiedi dan il-punt flimkien mal-punt jekk dik it-tifsira hijiex kapaċi li titqies diffamatorja skont il-liġi. Madankollu l-Ewwel Qorti stqarret li fil-każ odjern l-imputazzjoni tista' tinsilet mill-kuntest sħiħ tal-pubblikazzjoni. Qalet li fil-fehma tagħha l-appellat ma kienx qed jimputa kondotta speċifika lill-appellant, iżda huwa kien sempliċement qed jirreaġixxi għall-pożizzjoni tal-appellant kif riżultanti fl-artikolu tiegħu ppubblikat fis-7 ta' Frar, 2019. Din il-Qorti ma taqbilx ma' dan, u mill-ewwel għandha tgħid li mill-qari sħiħ tal-kumment tal-appellat, ma tistax tasal għal din il-konklużjoni. Tgħid li persuna ordinarja, b'mod raġonevoli, għandha mingħajr tbatija ta' xejn u mingħajr tiġbid tal-ħsieb, tasal għall-konklużjoni li l-appellat fil-kitba impunjata qed jimplika li l-appellant għandu konnessjonijiet mal-*mafia,* sal-punt li huwa, permezz mhux biss tal-artikolu tiegħu ta' Frar tal-istess sena, iżda l-kitbiet tiegħu oħrajn, jinkoraġġixxi bħal ma jagħmlu l-mafjużi, il-ħsieb li l-*mafia* ma teżistix.

19. L-Ewwel Qorti qalet li meħud il-kuntest sħiħ tal-pubblikazzjoni, is-silta mpunjata bl-azzjoni odjerna, kienet tikkostitwixxi kritika min-naħa tal-appellat dwar l-implikazzjonijiet tal-istqarrija tal-appellant kif ċitati *verbatim* fl-artikolu mpunjat. Iżda l-Qorti tgħid li l-appellat fil-kitba tiegħu in kwistjoni għażel biss dawk is-siltiet spezzettati mill-istqarrija tal-appellant, li deherlu li huwa għandu jikkummenta dwarhom, u għalhekk il-qarrej faċilment jista' jinterpreta l-artikolu tal-appellant mingħajr ma jkun qrah, bl-istess mod li fissru l-appellat. Il-Qorti tgħid li jidher li l-appellat, permezz tal-kitba tiegħu xtaq jaqbad suġġett sensittiv

marbut mal-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia, li dak iż-żmien kien tista' tgħid jiddomina r-rappurtaġġ u l-ħsibijiet fil-midja ta' kwalunkwe xejra u xorti, iżda tgħid li dan seta' għamlu faċilment mingħajr ma jislet biss dak li ried hu mill-artikolu tal-appellant. Tikkonsidra ukoll li lanqas ma jista' jingħad li dan sar b'mod ġust, għaliex apparti l-fatt li kif diġà qalet din il-Qorti, l-appellat għażel biss li jislet dak li ried hu mill-artikolu tal-appellant, sabiex dan jikkumplimenta l-kitba tiegħu, il-fatt li l-qarrej ma kellux aċċess immedjat u faċli għall-kuntest sħiħ, l-argument tal-appellat matul il-kitba sħiħa tiegħu, faċilment wassal lill-qarrej għal konklużjoni iebsa u malafamanti.

20. L-Ewwel Qorti mbagħad sostniet li, kuntrarjament għal dak li kien qed jinsisti fuqu l-appellant, minn qari oġġettiv u komplut tal-artikolu, hija ma kinitx taqbel li l-kritika magħmula mill-appellat twassal jew tagħmel insinwazzjoni li l-appellant jagħmel parti materjali mill-*mafia* jew l-organizzazzjoni kriminali li fil-fehma tal-istess appellat kienet responsabbli għall-qtil ta' Daphne Caruana Galizia. Għalkemm din il-Qorti taċċetta dak li kompliet tgħid l-Ewwel Qorti, li l-appellat hawn mhux qed jakkuża lill-appellant li wettaq xi reat kriminali jew li huwa kompliċi fl-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia, tgħid li l-ewwel insinwazzjoni għall-kuntrarju hija pjuttost ċara fil-kitba tal-appellat, u kif jispjega l-appellant fix-xhieda tiegħu waqt l-udjenza tad-29 ta' Jannar, 2020 quddiem l-Ewwel Qorti, l-appellat ma jħalli l-ebda lok għal dubju fit-tieni sentenza tiegħu *"That is how he (and others) cover up for the mafia, thereby being part of it"*, stante li hawn ma jibqax aktar rilevanti s-suġġeriment li dan isir *"unwittingly"*. Dawn il-kliem, kif kienet l-Ewwel Qorti wara kollox li għarfet li kien imperattiv skont il-prinċipji elenkati f'**Jeynes v. News Magazines Ltd**, ma jistgħux jittieħdu

waħedhom barra mill-kuntest tal-kitba sħiħa fejn f'kumment ta' qabel l-aħħar, l-appellat jgħid dwar il-*mafia* li *"their ability to intimidate and ensure compliance or silence reaches politicians and policemen and judges. And even journalists who help propogate the oxygen that keeps the mafia alive: the broadly accepted lie that the mafia does not exist. And that Daphne was killed by "three known criminals with foreign contacts".*

21. L-Ewwel Qorti kompliet issostni l-pożizzjoni tagħha billi ċċitat silta mis-sentenza fl-ismijiet **Baturina v. Times Newspapers Ltd**, u spjegat dak li hija kienet fehmet mill-artikolu impunjat, li kien kuntrarju għal dak li skont hi daħħal f'rasu l-appellant, jiġifieri li l-appellat kien qed jakkużah b'kompliċità taċita meta poġġih skont hi metaforikament, fil-keffa estiża tal-*mafia.* Għal darb'oħra din il-Qorti tesprimi d-diverġenza ta' ħsieb tagħha hawnhekk, fejn hija qegħda taċċetta li l-insinwazzjoni tal-appellat setgħet b'mod raġonevoli daħlet f'moħħ mhux biss l-appellant, iżda anki f'moħħ il-qarrej ordinarju.

22. L-Ewwel Qorti tgħid li l-imputazzjoni magħmula jew intiża mill-appellat, li d-dikjarazzjoni tal-appellant fl-artikolu tiegħu fil-*Maltatoday,* kienet turi l-effetti tal-intimidazzjoni tal-*mafia,* kienet riflessa fis-silta *"...even journalists who help propagate the oxygen that keeps the mafia alive: the broadly accepted lie that the mafia does not exist. And that Daphne was killed by "three known criminals with foreign contacts",* u li fil-fehma tagħha serviet sabiex tnaqqas mit-tingiża oriġinali li ħassu aggravat biha l-appellant, fejn kien intqal *"That is how he (and others) cover up for the mafia, thereby being part of it".* Hawn l-Ewwel Qorti kkonsidrat ukoll li din is-silta ma setgħetx tfisser b'mod raġonevoli li l-appellant jagħmel parti mill-*mafia*. Iżda kif diġà esprimiet ruħha din il-Qorti aktar 'il fuq,

il-paragrafu aħħari tal-*blog* tal-appellat għall-kuntrarju ma jservi xejn sabiex itaffi t-tingiża oriġinali, għaliex għandu l-effett li jpoġġi s-siġill fuq l-argument tal-appellat, u jikkonvinċi lill-qarrej ordinarju b'mod raġonevoli li jikkonsidra lill-appellant bħala li hu tassew taħt il-kontroll tal-*mafia*. Barra minn hekk, jekk il-Qorti tieħu in konsiderazzjoni l-argument tal-appellant li l-kuntest tal-kitba, jiġifieri fil-medja soċjali, ma tistax titwarrab, tagħraf li hawn l-impatt tal-aħħar paragrafu kellu jkun iktar qawwi minħabba dak li hija tqis il-qari mgħaġġel tal-qarrej partikolari fuq din il-medja, fejn l-ewwel u l-aħħar paragrafi jingħataw aktar attenzjoni.

23. L-Ewwel Qorti kkonsidrat ukoll li l-kwistjoni jekk il-kliem meqjus diffamatorju, jitilfu n-natura allegata tagħhom minħabba xi kwalifika jew kliem ieħor, hija dejjem kwistjoni ta' fatt li trid tiġi evalwata skont l-i*standards* tal-qarrej ordinarju u raġonevoli. Hawn l-Ewwel Qorti tiċċita silta minn sentenza tal-Qrati Ingliżi fl-ismijiet **Cruddas v. Calvert** in sostenn tal-argument tagħha. Iżda kif irrilevat din il-Qorti fil-paragrafu ta' qabel, huwa pjuttost il-kuntrarju li għamel l-awtur fil-kitba mpunjata, meta tefa' s-saħħa kollha tal-pinna tiegħu fil-paragrafu tal-aħħar.

24. L-Ewwel Qorti tisħaq għal darb'oħra li l-prinċipju ġenerali fid-determinazzjoni tal-impunjazzjoni o meno ta' artikolu, huwa li għandu jsir riferiment għall-artikolu kollu, u mhux għat-titolu jew xi paragrafi jew kliem biss. Qalet li dan kien kuntrarju għal dak li għamel l-attur fix-xhieda tiegħu. L-Ewwel Qorti ammettiet, kif il-Qorti tgħid li kienet tenuta tagħraf, li l-ġudizzju tal-appellat seta' jitqies xi ftit jew wisq estrem, iżda mill-qari sħiħ tal-artikolu hija esprimiet il-fehma li qarrej ordinarju seta' jinduna mingħajr wisq diffikultà li r-

riferimenti għall-appellant u għall-artikolu tiegħu, jservu biss biex jippersonifikaw it-teorija tal-appellat, u ma kienu xejn għajr assimilazzjoni metaforika li permezz tagħha huwa bħala attivist ewlieni tas-soċjetà ċivili, u bħala persuna li l-appellant innifsu kkonsidra bħala awtorità fuq il-każ tal-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia, deherlu li għandu jesprimi l-fehma tiegħu dwar il-fatt li l-*mafia* kienet involuta f'dan il-qtil. L-Ewwel Qorti ddikjarat li raġonevolment din hija l-unika perspettiva li kienet tagħti l-kitba in kwistjoni, u hija kienet tal-fehma li l-istqarrijiet tal-appellat ma kellhomx tifsira diffamatorja, u tiċċita lill-awtur esteru Collins, fejn dan jgħid *"a statement may not convey a defamatory imputation where it is obvious that it is not to be taken literally...".*

25. Hawn ukoll din il-Qorti ma taqbilx. Fl-ewwel lok tirrileva li ma jirriżultax mix-xhieda tal-appellant li dan qed jagħraf lill-appellat bħala xi awtorità għaliex kliemu kienu mod ieħor *"jiġifieri Manuel Delia issa qed jippożizzjona ruħhu bħala awtorità...".* Iżda ukoll jekk l-Ewwel Qorti qieset lill-appellat bħala xi awtorità, ma kellhiex tippermetti li isem l-appellant u l-artikolu tiegħu, bl-opinjonijiet kif espressi minnu, jintużaw sabiex jagħtu s-saħħa lit-teorija li ressaq l-appellat fil-*blog* tiegħu. Ċertament jekk l-appellat għandu jitqies bħala awtorità, huwa m'għandu bżonn l-ebda referenzi sabiex jikkonvinċi l-qarrej ordinarju.

26. Minn hawn l-Ewwel Qorti għaddiet sabiex ikkonsidrat l-artikolu impunjat fid-dawl tar-rekwiżiti tas-subartikolu 3(4) tal-Kap. 579 tal-Liġijiet ta' Malta, eżerċizzju li setgħet faċilment ma tagħmlux ġaladarba qieset l-istqarrijiet tal-appellat ma setgħux jinftehmu li għandhom tifsira diffamatorja. Wara li kkonsidrat ukoll dak li jgħid Gatley dwar il-ħsara serja riżultanti jew li tista'

tirriżulta lir-reputazzjoni tal-appellant, qalet li ma kienx biżżejjed sabiex tiġi kkonstata ħsara lir-reputazzjoni tal-appellant kif rikjest għas-suċċess tal-azzjoni ta' libell, li l-appellant ħass li r-reputazzjoni tiegħu setgħet issofri ħsara f'għajnejn is-settur tas-soċjetà li ma kienx jikkondividi l-fehma tal-appellat dwar l-infiltrazzjoni tal-*mafia* hawn Malta u l-involviment tagħha fil-qtil ta' Daphne Caruana Galizia. L-Ewwel Qorti għalqet billi stqarret li l-jedd li wieħed jesprimi ruħhu fuq materji ta' interess pubbliku bħal ma huwa bla dubju l-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia, huwa ta' importanza fundamentali għas-saltna tad-dritt, u bħala wieħed mill-prinċipji fundamentali tal-espressjoni libera. Kompliet tgħid li d-difiżi bħal ma huma dawk tal-kumment ġust, u llum tal-opinjoni onesta, għandhom l-għan li jagħtu lok għall-espressjoni qawwija tal-fehmiet. Din il-Qorti hawnhekk ukoll ma taqbilx. Tibda billi tgħid li filwaqt li taqbel ma' dan il-kumment aħħari, huwa proprju fid-dawl tal-fatt li azzjonijiet bħal dawn huma fl-aħħar mill-aħħar intiżi sabiex jitħares id-dritt tal-espressjoni ta' kull min jagħmel kumment jew jagħti opinjoni, jiġifieri kemm tal-appellant u anki tal-appellat, iżda dejjem dan kif tagħraf l-Ewwel Qorti, b'mod ġust u onest b'ħarsien tad-drittijiet fundamentali ta' terzi. Hawn l-Ewwel Qorti kellha tqis dak li għarfet hija stess, jiġifieri l-istatura tal-appellat mal-qarrej u s-saħħa ta' kliemu, kif spjegati sew fix-xhieda tal-appellant, li jagħtu ċerta qawwa u konvinċiment lill-kitbiet tiegħu. Il-Qorti hawnhekk fil-fatt tista' taċċetta li fl-isfond tal-atmosfera taż-żmien li fih inkitbet il-*blog post* tal-appellat, l-appellant seta' kien beżgħan minn xi vendikazzjoni. Għalhekk tgħid li wkoll ir-rekwiżit tas-subartikolu 3(4) tal-Kap. 579 jinstab sodisfatt.

27. Ġaladarba dan iwassal sabiex l-appell interpost mill-appellant għandu jiġi milqugħ u s-sentenza appellata b'hekk tiġi mħassra, din il-Qorti ser tikkonsidra

t-talba għal-likwidazzjoni ta' dik is-somma li l-appellat għandu jħallas lill-appellant skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 9 tal-Kap. 579.

28. Il-Qorti tirrileva li hawn għandhom jiġu applikati l-kriterji stabbiliti permezz tas-subartikolu 11(1) u tas-subartikolu 11(4) ta' dik il-liġi, li jipprovdu kif ġej:

> "11.(1) Fil-valutazzjoni tas-somma li għandha tingħata taħt dan l-Att f'każ ta' malafama, il-Qorti għandha tikkunsidra:
>
> (a) il-gravità u sa fejn tilħaq il-malafama jew sa fejn il-malafama tista' tagħmel ħsara lir-reputazzjoni tal-attur;
>
> (b) jekk il-konvenut eżerċitax id-diliġenza mitluba qabel ma ġiet ippubblikata l-materja malafamanti;
>
> (ċ) jekk il-konvenut għamilx jew offriex li jagħmel apoloġija lill-attur jew li jippubblika kjarifika għas-sodisfazzjon tal-attur qabel l-azzjoni jew kemm jista' jkun malajr wara malli l-konvenut kellu l-opportunità li jagħmel dan fil-każ ta' bidu tal-azzjoni qabel ma kien hemm l-opportunità li jagħmel jew li joffri dik l-apoloġija jew kjarifika
>
> ...
>
> (4) Fil-valutazzjoni tas-somma li għandha tingħata f'azzjoni għal malafama l-Qorti għandha b'dak il-mod li hija tqis li huwa xieraq fl-interess tal-proporzjonalità, tieħu inkonsiderazzjoni wkoll il-kapaċità ekonomika tal-konvenut u l-impatt illi l-ħlas tas-somma li għandha tingħata x'aktarx ikollu fuq il-gazzetta, ix-xandar, is-sit elettroniku, il-ġurnalist jew persuna oħra li tipparteċipa fil-midja."

29. Kif ġie osservat mill-Ewwel Qorti, l-appellant huwa ġurnalist ta' ħamsa u għoxrin sena esperjenza, u f'dawn l-aħħar snin huwa kien qed jippubblika l-artikoli tiegħu fil-gazzetta *Maltatoday*. Fid-dawl ta' dawn il-fatti, il-Qorti tqis li l-appellant għandu jkun magħruf sew fil-qasam ġurnalistiku, iżda partikolarment mal-qarrejja ta' din il-gazzetta. Għalhekk jista' faċilment jingħad li l-kummenti tal-appellat kif magħmula, jekk m'għamlux dannu attwali lir-reputazzjoni

tiegħu, dawn kellhom il-potenzjal li jesponu r-reputazzjoni tiegħu għall-ħsara. Min-naħa tiegħu l-appellat dejjem żamm il-pożizzjoni tiegħu, u qatt ma offra apoloġija lill-appellant, jew ippubblika kjarifika jew mod ieħor dwar il-kitba tiegħu. Iżda sabiex kif jirrikjedi s-subartikolu 11(4) tal-Kap. 579, jinstab bilanċ bejn l-azzjoni meħuda mill-appellat u l-konsegwenzi tagħha fuq l-appellant fuq naħa waħda, u d-danni morali li l-appellat għandu jħallas lill-istess appellant, il-Qorti ma tistax twarrab il-fatt li l-aġir tal-appellat kien wieħed ferm kontemplat, fejn l-effett tiegħu seta' wassal għat-trażżin tal-espressjoni libera, li ironikament kienet proprju dik li l-kitba impunjata kienet qegħda tgħid li kienet mhedda. Għalhekk tqis li s-somma ta' €1,000 bħala danni morali li għandhom jitħallsu lill-appellant mill-appellat, hija waħda xierqa fiċ-ċirkostanzi.

## Decide

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi tilqgħu u tħassar is-sentenza appellata, filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-appellat u tilqa' t-talbiet tal-appellant, u tillikwida d-danni morali li għandhom jitħallsu lill-istess appellant mingħand l-appellat, fis-somma ta' €1,000 (elf Euro).**

**L-ispejjeż tal-ewwel istanza u dawk tal-appell odjern, għandhom ikunu a karigu tal-appellat.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**